**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0022/2024**

4.12.2024

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija "ttestjati", it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni
(COM(2024)0517 – C10-0167/2024 – 2024/0214(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Veronika Vrecionová

(Proċedura simplifikata – Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura)

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta’ konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta’ approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta’ proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta’ att.)

## *Emendi għal abbozz ta’ att*

**Emendi tal-Parlament f’żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta’ kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta’ att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta’ att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba’ linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f’dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta’ test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta’ natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........4

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........17

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........18

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......19

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija “ttestjati”, it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni (COM(2024)0517 – C10-0167/2024 – 2024/0214(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0517),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0167/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra ta’ ... li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A10-0022/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Għada ma ġietx ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali.

**Emenda 1**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

**DEĊIŻJONI (UE) 2024/...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE fir-rigward tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija "ttestjati", it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

2 Opinjoni tal-4 ta' Diċembru 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE[4] tapplika, fost oħrajn, għall-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti fl-Unjoni. Dik id-Direttiva tikkonċerna l-materjal riproduttiv ta' dawk l-ispeċijiet ta' siġar u tal-ibridi artifiċjali tagħhom li huma importanti għall-finijiet tal-forestrija fl-Unjoni kollha jew f'parti minnha.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE[5] tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom il-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżul" u "kwalifikat", prodott fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, fir-rigward tal-approvazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u tal-produzzjoni sussegwenti tal-materjal riproduttiv tal-foresti minn dak il-materjal bażiku, għandu jiġi importat fl-Unjoni. Il-pajjiżi terzi kkonċernati implimentaw l-Iskema tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Materjal Riproduttiv tal-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali ("l-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti").

(3) L-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti ġiet emendata fl-2013 biex tinkludi l-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija "ittestjat" minbarra l-kategoriji "sors identifikat", "magħżul" u "kwalifikat" tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li ilhom fl-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti mill-2011.

---

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1999/105/oj).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti prodott f'pajjiżi terzi (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 83, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/971/oj).

(4) Ir-regoli nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti ("ir-regoli nazzjonali") fil-Kanada, fin-Norveġja, fis-Serbja, fl-Iżvizzera, fit-Turkija, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti ("il-pajjiżi terzi speċifikati") jipprevedu li spezzjoni uffiċjali fil-post għandha titwettaq matul il-ġbir u l-ipproċessar taż-żrieragħ u l-produzzjoni tan-nebbiet għat-tħawwil.

(5) Skont ir-regoli nazzjonali tal-pajjiżi terzi speċifikati, is-sistemi għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-materjal bażiku u l-produzzjoni sussegwenti tal-materjal riproduttiv tal-foresti minn dak il-materjal bażiku jridu jsegwu l-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti. Barra minn hekk, dawk ir-regoli nazzjonali jirrikjedu li ż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżul", "kwalifikat" u "ittestjat" ikunu uffiċjalment iċċertifikati u l-pakketti taż-żrieragħ ikunu uffiċjalment magħluqa f'konformità mal-Iskema tal-OECD dwar iż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti.

(6) Fin-nuqqas ta' Deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-ekwivalenza tal-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija "ittestjat", id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/773[6] awtorizzat temporanjament, sal-31 ta' Diċembru 2024, lill-Istati Membri jiddeċiedu dwar l-ekwivalenza tal-materjal riproduttiv tal-foresti mill-kategorija "ittestjat" prodott fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, li jinkludu l-pajjiżi terzi speċifikati. Dik l-awtorizzazzjoni kienet meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' tfixkil fl-importazzjonijiet ta' materjal riproduttiv tal-foresti fl-Istati Membri.

---

[6] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/773 tal-10 ta' Mejju 2021 li, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE, tawtorizza lill-Istati Membri jiddeċiedu b'mod temporanju dwar l-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti ta' ċerti kategoriji li jiġi prodott f'ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 169, 12.5.2021, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/773/oj).

(7) Eżami tar-regoli nazzjonali tal-pajjiżi terzi speċifikati, fir-rigward tal-kategorija "ittestjat", juri li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 1999/105/KE, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE jiġu ssodisfati fir-rigward taż-żrieragħ u tan-nebbiet għat-tħawwil.

(8) L-ismijiet u l-indirizzi ta' xi awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni, kif elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, inbidlu u għalhekk jeħtieġ li jiġu aġġornati.

(9) Huwa possibbli li tintuża l-modifikazzjoni ġenetika għall-produzzjoni taż-żrieragħ jew tan-nebbiet għat-tħawwil tal-kategorija "ittestjat". Għalhekk, biex jiġu żgurati għażliet infurmati għall-utenti tal-materjal riproduttiv tal-foresti, it-tikketta tal-OECD u t-tikketta jew id-dokument tal-fornitur jenħtieġ li jiddikjaraw jekk dik it-tip ta' modifikazzjoni ntużatx fil-produzzjoni tal-materjal bażiku għal dik il-kategorija, kif iseħħ bħalissa bil-kategorija "kwalifikat".

(10) Fid-dawl taż-żieda tal-kategorija "ittestjat" fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, jenħtieġ li jiżdied anness ma' dik id-Deċiżjoni b'tabella li tindika l-kategoriji li taħthom il-materjal riproduttiv tal-foresti mit-tipi differenti ta' materjal bażiku jista' jiġi importat fl-Unjoni biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-applikazzjoni korretta ta' dik id-Deċiżjoni. Dan huwa meħtieġ biex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali, il-konsistenza mad-Direttiva 1999/105/KE, kif ukoll l-applikazzjoni korretta ta' dawk ir-regoli u l-għażliet infurmati tal-operaturi li japplikaw dik id-Deċiżjoni.

(11) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2008/971/KE tiġi emendata skont dan.

(12) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/773 fil-31 ta' Diċembru 2024, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(13) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li testendi r-reġim ta' ekwivalenza għall-importazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti stabbilit bid-Deċiżjoni 2008/971/KE għall-kategorija "ittestjat", ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

***(14) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat li tidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/773.***

(15) Peress li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/773 tiskadi fl-31 ta' Diċembru 2024, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2025 biex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali u l-kontinwità tar-regoli rispettivi,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni 2008/971/KE

Id-Deċiżjoni 2008/971/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom il-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżul", "kwalifikat" u "ittestjat" prodotti f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I għandu jiġi importat lejn l-Unjoni.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Iż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżul", "kwalifikat" u "ittestjat" tal-ispeċijiet u tal-ibridi artifiċjali tagħhom elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 1999/105/KE, prodotti fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz elenkati f'dak l-Anness, għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil li jikkonformaw mad-Direttiva 1999/105/KE, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.";

(3) l-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi ...,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS

L-Annessi għad-Deċiżjoni 2008/971/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

Pajjiżi u awtoritajiet

| Pajjiż[1] | L-awtorità responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni |
|---|---|
| CA | Natural Resources Canada – Canadian Forest Service<br>Atlantic Forestry Centre<br>1350 Regent Street<br>Fredericton NB E3C 2G6 |
| CH | Federal Office for the Environment (FOEN)<br>Department of the Environment, Transport, Energy and Communications (UVEK)<br>Forest Division<br>Federal Plant Protection Service<br>Monbijoustrasse 40<br>CH-3003 Bern |
| GB [2] | Department for Environment, Food & Rural Affairs (DEFRA)<br>Eastbrook<br>Shaftesbury Road<br>Cambridge<br>CB2 8DR |
| NO | Norwegian Forest Seed Center |

[1] CA – il-Kanada, CH – l-Iżvizzera, GB – ir-Renju Unit, NO – in-Norveġja, RS – is-Serbja, TR – it-Turkija, US – l-Istati Uniti.

[2] F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-fini ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

| | |
|---|---|
| | c/o Øyvind Meland Edvardsen<br>Box 118, N-2301 Hamar |
| RS | Group for Forest Reproductive Material and Genetic Resources Directorate for Forest<br>Ministry of Agriculture, Forestry and Water Management<br>Ministry of AFW — Directorate for Forest<br>Omladinskih brigada 1<br>Novi Beograd |
| TR | Ministry of Agriculture and Forestry<br>General Directorate of Forestry<br>Forest Tree Seeds and Tree Breeding Research Institute Directorate Sogutozu<br>06560 Ankara |
| US | United States Department of Agriculture<br>Forest Service<br>Cooperative Forestry<br>National Seed Laboratory<br>5675 Riggins Mill Road<br>Dry Branch, Georgia 31020<br><br>AWTORITAJIET TA’ ĊERTIFIKAZZJONI UFFIĊJALI TAL-ISTAT<br>(Awtorizzati sabiex joħorġu ċertifikati tal-OECD permezz ta’ ftehim ta’ kooperazzjoni mas-Servizz Forestali tal-USDA – USDA Forest Service)<br>Washington State Crop Improvement Association, Inc.<br>2575 NE Hopkins Ct.<br>Pullman, Washington 99163 |

”;

(2) fl-Anness II, it-Taqsima C hija sostitwita b’dan li ġej:

“C. Kundizzjonijiet addizzjonali marbuta mal-kategoriji “kwalifikat” u “ittestjat” taż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil prodotti fil-pajjiżi terzi

Fir-rigward taż-żrieragħ jew tan-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji “kwalifikat” u “ittestjat”, it-tikketta tal-OECD u t-tikketta jew id-dokument tal-fornitur għandha tiddikjara jekk kienx hemm modifikazzjoni ġenetika jew le fil-produzzjoni tal-materjal bażiku.”;

(3) jiżdied l-anness li ġej:

“ANNESS III

KATEGORIJI LI TAĦTHOM IL-MATERJAL RIPRODUTTIV TAL-FORESTI MIT-TIPI DIFFERENTI TA’ MATERJAL BAŻIKU JISTA’ JIĠI IMPORTAT FL-UNJONI

| Materjal bażiku | Kategorija ta’ materjal riproduttiv tal-foresti | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Sors identifikat | Magħżul | Kwalifikat | Ittestjat |
| Sors taż-żerriegħa | x | | | |
| Popolament | x | x | | x |
| Ġardina taż-żrieragħ | | | x | x |
| Ġenituri ta’ familja/i | | | x | x |
| Klonu | | | x | x |
| Taħlita ta’ kloni | | | x | x |

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategorija "ttestjati", it-tikkettar tagħha u l-ismijiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni |
| **Referenzi** | COM(2024)0517 – C10-0167/2024 – 2024/0214(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 31.10.2024 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | AGRI |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>25.11.2024 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ENVI<br>26.11.2024 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Veronika<br>Vrecionová<br>12.11.2024 |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 20.11.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 18.11.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 7<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Stefano Bonaccini, Mireia Borrás Pabón, Barry Cowen, Carmen Crespo Díaz, Ivan David, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Herbert Dorfmann, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Maria Grapini, Krzysztof Hetman, Céline Imart, Stefan Köhler, Camilla Laureti, Cristina Maestre, Dario Nardella, Maria Noichl, Gilles Pennelle, André Rodrigues, Katarína Roth Neveďalová, Bert-Jan Ruissen, Arash Saeidi, Eric Sargiacomo, Christine Singer, Raffaele Stancanelli, Anna Strolenberg, Jessika Van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Thomas Waitz, Maria Walsh |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Benoit Cassart, David Cormand, Vilis Krištopans, Luis-Vicențiu Lazarus, Tilly Metz, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Emma Wiesner |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Vasile Dîncu |
| **Data tat-tressiq** | 4.12.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová |
| ESN | Ivan David |
| NI | Luis-Vicențiu Lazarus |
| PPE | Carmen Crespo Díaz, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Herbert Dorfmann, Krzysztof Hetman, Céline Imart, Stefan Köhler, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Jessika Van Leeuwen, Maria Walsh |
| PfE | Mireia Borrás Pabón, Vilis Krištopans, Raffaele Stancanelli |
| Renew | Benoit Cassart, Barry Cowen, Christine Singer, Emma Wiesner |
| S&D | Stefano Bonaccini, Vasile Dîncu, Maria Grapini, Camilla Laureti, Cristina Maestre, Dario Nardella, Maria Noichl, André Rodrigues, Eric Sargiacomo |

| 7 | - |
|---|---|
| The Left | Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi |
| Verts/ALE | David Cormand, Tilly Metz, Anna Strolenberg, Thomas Waitz |

| 2 | 0 |
|---|---|
| NI | Katarína Roth Neveďalová |
| PfE | Gilles Pennelle |

Tifsira tas-simboli użati:
\+ : favur
\- : kontra
0 : astensjoni